31980L0232

25.2.1980 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 51/1

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL

tal-15 ta' Jannar 1980

dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri marbuta mal-firxa ta' kwantitajiet nominali u kapaċitajiet nominali permessi għal ċerti prodotti f'imballaġġ minn qabel

(80/232/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni [1],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew [2],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali [3],

Billi li d-Direttiva tal-Kunsill 76/211/KEE ta' l-20 ta' Jannar 1976 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar il-prekondizzjonament bil-piż jew bil-volum ta' ċerti prodotti f'imballaġġ minn qabel [4] tispeċifika l-iżbalji negattivi tollerabbli fil-kontenut ta' dan l-imballaġġ minn qabel, flimkien mal-marki u l-metodi ta' kontroll li għandhom jiġu applikati għal dan l-imballaġġ minn qabel biex ikunu jistgħu jiċċirkolaw fil-Komunità;

Billi, iżda, l-imsemmija Direttiva ma tneħħix l-ostakoli kollha għal kummerċ ta' prodotti f'imballaġġ minn qabel li jirriżultaw minn differenzi fil-liġijiet dwar il-kwalitajiet metroloġiċi ta' prodotti bħal dawn; billi, b'mod partikolari l-Istati Membri għandhom disposizzjonijiet differenti rigward il-volum jew l-użin ta' prodotti bħal dawn; u billi għalhekk disposizzjonijiet bħal dawn għandhom jiġu approssimati;

Billi, għal ċertu prodott, l-għadd ta' kwantitajiet li huma viċin ħafna ta' xulxin u li jistgħu jħawdu lill-konsumatur għandhom jitnaqqsu kemm jista' jkun, fl-interess ta' trasparenza akbar tas-suq;

Billi dan it-tnaqqis għandu jolqot kemm il-kontenituri ta' prodotti f'imballaġġ minn qabel u prodotti li jinbiegħu bl-użin jew bil-volum;

Billi l-Artikolu 16 tad-Direttiva tal-Kunsill 71/316/KEE tas-26 ta' Lulju 1971 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri marbuta ma' disposizzjonijiet komuni kemm għal strumenti ta' kejl kif ukoll metodi ta' kontroll metroloġiku [5], kif emendat bit-Trattat ta' l-Adeżjoni [6], jipprovdi li armonizzazzjoni tal-ħtiġijiet għall-bejgħ ta' ċertu prodotti, b'mod partikolari rigward il-preskrizzjoni ta' ċerti prodotti f'imballaġġ minn qabel, tista' tkun koperta b'Direttivi separati.

[1] ĠU No C 193, tat-18.8.1976, p. 3.
[2] ĠU No C 30, tas-7.2.1977, p. 34.
[3] ĠU No C 114, tal-11.5.1977, p. 30.
[4] ĠU No L 46, tal-21.2.1976, p. 1.
[5] ĠU No L 202, tas-6.9.1971, p. 1.
[6] ĠU No L 73, tas-27.3.1972, p. 4.

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Din id-Direttiva għandha tapplika għal prodotti f'imballaġġ minn qabel bi skond ma' l-Artikoli 1 u 2 tad-Direttiva 76/211/KEE u li huma msemmija fl-Annessi ta' din id- Direttiva; hija ma tapplikax għal prodotti f'imballaġġ minn qabel intiżi biss għal użu professjonali.

Artikolu 2

Il-prodotti li għalihom jirreferi l-Artikolu 1 għandhom jinqasmu fi tliet gruppi:

(a) prodotti mibjugħa bl-użin jew bil-volum bl-eċċezzjoni ta' dawk il-prodotti li għalihom jirreferu (b) u (ċ).

L-Anness I jistabbilixxi l-firxa ta' kwantitajiet nominali tal-kontenut ta'l-imballaġġ minn qabel għal kull wieħed minn dawn il-prodotti;

(b) prodotti mibjugħa bl-użin jew bil-volum u mqiegħda f'kontenituri riġidi elenkati fl-Anness II, bl-eċċezzjoni ta' dawk il-prodotti elenkati fl-Anness I.

L-Anness II jistabbilixxi għal prodotti bħal dawn il-firxa ta' kapaċitajiet għal kontenituri bħal dawn;

(ċ) prodotti mqiegħda fil-forma ta' *aerosol*.

L-Anness III jistabbilixxi l-volumi tal-faži likwida għal prodotti bħal dawn u, fil-każ ta' kontenituri tal-metall, il-kapaċità tal-kontenitur.

Artikolu 3

Imballaġġi minn qabel għandhom fil-każijiet kollha jindikaw l-użin jew volum nominali tal-kontenut tal-prodott skond il-ħtiġiet tad-Direttiva 76/211/KEE.

Fil-każijiet li għalihom jirreferi l-Artikolu 2 (b) u (ċ), il-kontenituri għandhom jindikaw ukoll, b'tali mod li ma joħolqux konfużjoni ma' l-indikazzjoni imsemmija hawn fuq, il-kapaċità nominali tagħhom, skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Anness II u l-punt numru I ta' l-Anness III, jew fejn applikabbli, riferenza għan-normi EN imsemmija fl-Annessi.

Artikolu 4

Fejn *multipack* ikun magħmul minn żewġ prodotti f'imballaġġ minn qabel b'mod individwali jew aktar, il-firxa ta' valuri elenkati fl-Annessi I, II, u III għandhom japplikaw għall-pakketti individwali għal-lest.

Fejn l-imballaġġ minn qabel ikun magħmul minn żewġ pakketti individwali jew aktar, li ma jkunux intiżi biex jinbiegħu individwalment, il-firxa ta' valuri elenkati fl-Annessi I, II, u III għandhom japplikaw għall-imballaġġ minn qabel.

Artikolu 5

Stati Membri ma għandhomx jirrifjutaw, jipprojbixxu jew jirrestriġu t-tqegħid fis-suq ta' imballaġġ minn qabel ta' prodotti ppakkjati li jissodisfaw il-ħtiġiet ta' din id-Direttiva, minħabba l-kwantitajiet nominali tagħhom fil-każ ta' imballaġġ minn qabel elenkati fl-Anness I u l-punt numru 2 ta' l-Anness III, jew minħabba li l-kapaċità nominali tal-kontenituri tagħhom fil-każ ta' imballaġġ minn qabel elenkati fl-Anness II, jew minħabba waħda jew l-oħra miż-żewġ raġunijiet fil-każ ta' prodotti elenkati fil-punt numru wieħed ta' l-Anness III.

Artikolu 6

Qabel l-1 ta' Jannar, 1982 Stati Membri ma jistgħux jirrifjutaw, jipprojbixxu jew jirrestriġu t-tqegħid fis-suq ta' imballaġġ minn qabel li jissodisfaw il-ħtiġiet tad-Direttiva 76/211/KEE, fejn il-kwantità nominali li fih, jew il-kapaċità tal-kontenitur ikollha valur li ma jidhirx f'din id-Direttiva u li kienu mqiegħda fis-suq ta' l-Istati Membri kkonċernati fid-data tan-notifika tagħha.

L-ewwel paragrafu ma għandux japplika għall-miżuri li jittieħdu mir-Renju Unit u l-Irlanda biex jiddefinixxu l-firxa f'kejl SI.

Artikolu 7

L-Istati Membri għandhom jimplimentaw il-miżuri meħtieġa biex ikunu konformi ma' din id-Direttiva fi żmien 24-il xahar min-notifika tagħha u għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni minnufih b'dan.

Stati Membri għandhom jiżguraw li t-testi tad-disposizzjonijiet prinċipali tal-liġi interna li huma jadottaw f'dan il-qasam kopert minn din id-Direttiva, jiġu trasmessi lill-Kummissjoni.

Artikolu 8

Din id-Direttiva hija indirizzati lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fil-15 ta' Jannar 1980.

Għall-Kunsill

Il-President

G. ZAMBERLETTI

ANNESS I

FIRXA TA' KWANTITAJIET NOMINALI TA' KONTENUT TA' IMBALLAĠĠ MINN QABEL

1. PRODOTTI TA' L-IKEL MIBJUGĦA BL-UŻIN (kwantità fi grammi)

1.1 **Butir** (intestatura TDK Nru 04.03)**, marġerina, xaħmijiet emulsati jew mhux mill-annimali u xaħmijiet veġetali** (spreads b'xaħam baxx)

125 - 250 - 500 - 1 000 - 1 500 - 2 000 - 2 500 - 5 000

1.2. **Ġobon frisk bl-eċċezzjoni ta'** 'petits suisses' **u ġobnijiet oħra magħmula bl-istess mod** (subintestatura TDK li kien 04.04 E I ċ)

62.5 - 125 - 250 - 500 - 1 000 - 2 000 - 5 000

1.3. **Melħ ta' l-ikel u tat-tisjir** (sottotitolu TDK 25.01 A)

125 - 250 - 500 - 750 - 1 000 - 1 500 - 5 000

1.4. **Zokkor mhux palpabbli, zokkor aħmar u kannella, zokkor kandju**

125 - 250 - 500 - 750 - 1 000 - 1 500 - 2 000 – 2 500 - 3 000 - 4 000 - 5 000

1.5. **Prodotti taċ-ċereali** (bl-eċċezzjoni ta' ikel tat-trabi)

1.5.1. *Dqiq taċ-ċereali, xgħir, flakes, dqiq tal-ħafur u qamħirrum, ħafur* (bl-eċċezzjoni tal-prodotti li għalihom jirreferi 1.5.4)

125 - 250 - 500 - 1 000 - 1 500 - 2 000 - 2 500 ([1])- 5 000 - 10 000

1.5.2. *Prodotti ta' l-għaġin* (intestatura TDK Nru 19.03)

125 - 250 - 500 - 1 000 - 1 500 - 2 000 - 3 000 - 4 000 - 5 000 - 10 000

1.5.3. *Ross* (intestatura TDK Nru 10.06)

125 - 250 - 500 - 1 000 - 2 000 - 2 500 - 5 000

1.5.4. *Ċereali lesti biex jittieklu u biċċiet taċ-ċereali*

250 - 375 - 500 - 750 - 1 000 - 1 500 - 2 000

1.6. **Ħxejjex niexfa** (intestatura TDK Nru 07.05) ([2])**, frott niexef** (intestaturi TDK Nri jew subintestaturi li kienu 08.01, 08.03 B, 08.04 B, 08.12)

125 - 250 - 500 - 1 000 - 1 500 - 2 000 - 5 000 - 7 500 - 10 000

1.7. **Kafè msajjar miħun jew mhux miħun, ċikwejra, u sostituti għall-kafè**

125 - 250 – 500 - 1 000 - 2 000 - 3 000 - 4 000 - 5 000 - 10 000

1.8. **Prodotti ffriżati**

1.8.1 *Ħxejjex u frott u patata msajra minn qabel għal dik moqlija*

150 - 300 - 450 - 600 - 750 - 1 000 - 1 500 - 2 000 - 2 500

1.8.2. *Flett tal-ħut u porzjonijiet fil-panura u bla panura*

100 - 200 - 300 - 400 - 500 - 600 - 800 - 1 000 - 2 000

1.8.3. *Fish Fingers*

150 - 300 - 450 - 600 - 900 - 1 200 - 1 500 - 1 800

2. IKEL MIBJUGĦ BIL-VOLUM (kwantità f'ml)

2.1. **Ġelat fi kwantitajiet ta' aktar minn 250 ml**

(Bl-eċċezzjoni ta' ġelat li l-volum tiegħu mhux deċiż mill-forma tal-kontenitur)

300 - 500 - 750 - 1 000 - 1 500 - 2 000 - 2 500 - 3 000 - 4 000 - 5 000

([1]) Ma jgħoddx għal dqiq tal-ħafur u biċċiet tal-ħafur.
([2]) Bl-eċċezzjoni ta' patata u ħxejjex li ma jkollhomx ilma.

3. IKEL NIEXEF GĦALL-KLIEB U L-QTATES [1] (kwantità fi grammi)

200 - 300 - 400 - 500 - 600 - 800 - 1 000 - 1 500 - 2 000 - 3 000 - 5 000 - 7 500 - 10 000

4. ŻEBGĦA U VERNIĊ LESTI BIEX JINTUŻAW (BIŻ-ŻIEDA JEW MINGĦAJR ŻIEDA TA' SOLVENTI) (kwantità f'ml)

25 - 50 - 125 - 250 - 375 - 500 - 750 - 1 000 - 2 000 - 2 500 - 4 000 - 5 000 - 10 000

5. KOLLA SOLIDA JEW KOLLA FI TRAB U ADEŻIVI (kwantità fi grammi)

25 - 50 - 125 - 250 - 500 - 1 000 - 2 500 - 5 000 - 8 000 - 10 000

6. PRODOTTI TA' TINDIF

(solidi jew fi trab fi grammi, likwidi jew kremi f'ml)

inter alia l-prodotti għall-ġilda u żraben, injam u qxur li jgħattu l-art, fran jew metalli li jinkludu dawk użati għall-karozzi, twieqi, mirja li jinkludu dawk użati għall-karozzi (intestatura TDK Nru 34.05); kimika li tneħħi t-tbajja', lamtu u żebgħa użata għad-dar (subintestatura TDK 38.12 A u 32.09 C), insettiċidi użati għad-dar (intestatura TDK Nru li kien 38.11), kimika li tqaxxar (intestatura TDK Nru 34.02), deodoranti użati fid-dar (subintestatura TDK 33.06 B), diżinfettanti mhux farmaċewtiċi

25 - 50 - 75 - 100 - 150 - 200 - 250 - 375 - 500 - 750 - 1 000 - 1 500 - 2 000 - 5 000 - 10 000

7. KOSMETIĊI: PREPARAZZJONIJIET TAT-TWALETTA U TAS-SBUĦIJA (subintestaturi TDK 33.06 A u B)

(solidi jew fi trab fi grammi, likwidi jew kremi f'ml)

7.1 **Prodotti għall-ġilda u iġjene orali**

Kremi tat-tqaxxir, kremi u kmied li jistgħu jintużaw f'kull okkażjoni, prodotti tax-xemx, prodotti ta' iġjene orali (bl-eċċezzjoni ta' krema għat-tindif tas-snien)

15 - 30 - 40 - 50 - 75 - 100 - 125 - 150 - 200 - 250 - 300 - 400 - 500 - 1 000

7.2. **Krema għat-tindif tas-snien**

25 – 50 - 75 - 100 - 125 - 150 - 200 - 250 – 300

7.3. **Prodotti tax-xagħar** (bl-eċċezzjoni ta' żebgħa) **u prodotti tal-banju**

Laker, *shampoos*, prodotti tat-tlaħliħ, prodotti li jsaħħu x-xagħar, brillantina, krema tax-xagħar (bl-eċċezzjonijiet ta' kmied li għalihom jirreferi 7.4), '*bubble baths*' u prodotti oħra li jagħmlu r-raġwa għall-banju u doċċa

25 - 50 - 75 - 100 - 125 - 150 - 200 - 250 - 300 - 400 - 500 - 750 - 1 000 - 2 000

7.4. **Prodotti bbażati fuq l-alkoħol**

li għandhom mhux inqas minn 3 % fil-volum ta' żejt tal-fwieħa kemm naturali kif ukoll sintetiku u mhux inqas minn 70 % ta' alkoħol *ethyle* pur: ilma aromatiku, kmied tax-xagħar, kmied ta' qabel u wara t-tqaxxir tal-leħja

15 - 25 - 30 - 40 - 50 - 75 - 100 - 125 - 150 - 200 - 250 – 300 - 400 - 500 - 750 - 1 000

7.5. **Deodoranti u prodotti ta' iġjene personali**

20 - 25 - 30 - 40 - 50 - 75 - 100 - 150 – 200

7.6. **Terra**

50 - 75 - 100 - 150 - 200 - 250 - 500 – 1 000

[1] Prodotti li għandhom kontenut niedi ta' inqas minn 14 %

8. PRODOTTI TAL-ĦASIL

8.1 **Sapun solidu tat-twaletta jew tad-dar (g)** (intestatura TDK Nru 34.01)

25 - 50 - 75 - 100 - 150 - 200 - 250 - 300 - 400 - 500 - 1 000

8.2. **Sapun artab (g)** (intestatura TDK Nru 34.01)

125 - 250 - 500 - 750 - 1 000 - 5 000 - 10 000

8.3. **Sapun f'biċċiet,** chips **eċċ (g)** (intestatura TDK Nru 34.01)

250 - 500 - 750 - 1 000 - 3 000 - 5 000 - 10 000

8.4. **Likwidu tal-ħasil, prodotti ta' tindif jew għorik jew prodotti awżiljarji** (intestatura TDK Nru 34.02) **u preparazzjonijiet tal-**hypochlorite (bl-eċċezzjoni tal-prodotti li għalihom jirreferi punt numru 6) (kwantità f'ml)

125 - 250 - 500 - 750 - 1 000 - 1 250 [1] - 1 500 - 2 000 - 3 000 - 4 000 - 5 000 - 6 000 - 7 000 - 10 000

8.5. **Trab għall-għorik (g)**

250 - 500 - 750 - 1 000 - 10 000

8.6. **Prodotti f'forma ta' trab għat-tixrib u ta' qabel il-ħasil (g)**

250 - 500 - 1 000 - 2 000 - 5 000 - 10 000

9. SOLVENTI (ml)

Fi ħdan it-tifsira tad-Direttiva tal-Kunsill 73/173/KEE ta' l-4 ta' Ġunju, 1973 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-disposizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri dwar il-klassifika, ippakkjar u tikketti ta' preparazzjonijiet perikoluż (solventi) [2]

25 - 50 - 75 - 125 - 250 - 500 - 1 000 - 1 500 - 2 500 - 5 000 - 10 000

10. ŻJUT LUBRIKANTI (ml)

125 - 250 - 500 - 1 000 - 2 000 - 2 500 - 3 000 - 4 000 - 5 000 - 10 000

---

[1] Għal *hypochlorites* biss.
[2] ĠU L 189, tal-11.7.1973, p. 7.

ANNESS II

FIRXA TA' KAPAĊITAJIET TA' KONTENITURI PERMISSIBBLI

Normi EN 23.1. 2 edizzjoni (Mejju 1978) u EN 76,1 edizzjoni (Diċembru 1978) għandhom japplikaw bl-eċċezzjoni ta' fejn il-firxa ta' prodotti u kapaċitajiet stabbiliti fl-istess normi jkunu differenti minnn dawk elenkati f'dan l-Anness.

1. PRISERVI U NOFSHOM-PRISERVI F'KONTENITURI TAL-LANDA U TAL-ĦĠIEĠ; PRODOTTI VEĠETALI (FROTT, ĦAXIX, TADAM, PATATA BL-EĊĊEZZJONI TA' SPRAĠ, SOPOP, MERAQ TAL-FROTT U TAL-ĦAXIX U NEKTAR TAL-FROTT) GĦALL-KONSUM TAL-BNIEDEM

1.1 **Kontenituri tal-landa u tal-ħġieġ** (kapaċità f'ml)

106 - 156 - 212 ([1]) - 228 ([1]) - 314 - 370 - 425 ([1]) - 446 ([1]) - 580 - 720 - 850 - 1 062 - 1 700 - 2 650 - 3 100 - 4 250 - 10 200

1.1.1. *Lista addizzjonali għat-tazzi:*

53 ([2])- 125 ([2]) - 250 ([2])

1.2. **Lista ta' kapaċitajiet permessi għal prodotti speċjali:** (kapaċità f'ml)

— *Tartufi*: 26 - 53 - 71 - 106 - 212 - 425 - 720 - 850

— *Tadam*:

koncentrati: 71 - 142 - 212 - 370 - 425 - 720 - 850 - 3 100 - 4 250

imqaxxar u mhux imqaxxar: 236 - 370 - 425 - 720 - 850 - 2 650 - 3 100

— Cocktails tal-frott, frott fil-ġulepp: 106 - 156 - 212 ([1]) - 228 ([1]) - 236 - 314 - 370 – 425 ([1]) - 446 ([1]) - 580 - 720 - 850 - 1 062 - 1 700 - 2 650 - 3 100 - 4 250 - 10 200

2. IKEL TAL-KLIEB U TAL-QTATES MIBLUL (kapaċità f'ml)

212 ([1]) - 228 ([1]) - 314 – 425 ([1])- 446 ([1]) - 850 – 1 062 - 1 700 - 2 650

3. PRODOTTI TAL-ĦASIL U TAT-TINDIF FIL-FORMA TA' TRAB

Il-kapaċitajiet ta' prodotti f'imballaġġ minn qabel għandhom ikunu kif ġej:

Numru tal-Pakkett	*Volum f'ml*
E 0.5	375
E 1	750
E 2	1 500
E 3	2 250
E 5	3 750
E 10	7 700
E 15	11 450
E 20	15 200
E 25	18 950
E 30	22 700
Numru tat-tabal	
E 5	3 950
E 10	7 700
E 15	11 450
E 20	15 200
E 25	18 950
E 30	22 700

([1]) Il-kapaċitajiet ikunu eżaminati mill-ġdid mhux aktar tard minn ħames snin minn wara d-data ta' l-adozzjoni ta' din id-Direttiva.
([2]) Volum imħolli għal perjodu ta' 10 snin mid-data ta' l-adozzjoni ta' din id-Direttiva

ANNESS III

FIRXA TA' VOLUMI GĦAL PRODOTTI MIBJUGĦIN F'*AEROSOLS*, BL-EĊĊEZZJONI TA' PRODOTTI ESKLUŻI F'PUNT NUMRU 7.4 TA' L-EWWEL ANNESS U PRODOTTI MEDIĊINALI

Permezz ta' deroga mill-Artikolu 8 (1) (e) tad-Direttiva tal-Kunsill 75/324/KEE tal-20 ta' Mejju, 1975 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar *aerosol dispensers* [1], prodotti mibjugħa f'*aerosols* li jaqblu mal-ħtiġiet ta' din id-Direttiva ma għandhomx għafejn ikunu mmarkati bl-użin nominali tal-kontenut tagħhom.

1. PRODOTTI MIBJUGĦA F'KONTENITURI TAL-METALL

Volum fil-fażi likwida f'ml	Kapaċità tal-kontenitur f'ml għal:	
	Prodotti maħruġa permezz ta' gas likwidu	(a) Prodotti maħruġa permezz ta' gassijiet kompressati biss (b) Prodotti maħruġa permezz ta' ossidu nitruz jew dijossodu tal-karbonju biss jew inkella b'taħlita tat- tnejn għalihom meta l-prodott ikollu koeffiċjent Bunsen ta' 1.2 jew inqas
25	40	47
50	75	89
75	110	140
100	140	175
125	175	210
150	210	270
200	270	335
250	335	405
300	405	520
400	520	650
500	650	800
600	800	1 000
750	1 000	—

2. PRODOTTI MIBJUGĦA F'KONTENITURI TAL-ĦĠIEĠ JEW TAL-PLASTIK KEMM JEKK TRASPARENTI KIF UKOLL JEKK MHUX TRASPARENTI (volum fil-fażi likwida f'ml):

25 - 50 - 75 - 100 - 125 – 150

[1] ĠU No L 147, tad-9.6.1975, p. 40.